MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 263/2012

**Edward Pavia u E.M.A. Limited**

**vs**

**Austin Camilleri u G.C. & A. Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-9 ta’ Marzu 2012 li jghid hekk:

1. Il-konvenut Austin Camilleri huwa l-proprjetarju tal-kumpannija konvenuta G.C. & A. Company Limited, liema kumpannija kellha u ghad ghandha d-dritt ta' inkwilinat moghti lilha mill-Kummissarju tal-Artijiet tal-istabbiliment bl-isem "Summerfields", St. Andrew's Road, limiti tal-Gharghur, Madliena;

2. Ghal habta tas-sena 1997 il-kontendenti dahlu f'negozjati bejniethom sabiex l-esponenti Edward Pavia u jew il-kumpannija esponenti E.M.A. Limited jakkwistaw in-negozju tal-kumpannija konvenuta G.C. & A. Company Limited u dana billi, fost affarijiet ohra, jixtru l-ishma illi l-konvenut Austin Camilleri kellu fl-istess kumpannija konvenuta;

3. Gew iffirmati diversi skritturi privati bejn il-kontendenti sabiex jigi formalizzat il-ftehim ta' bejniethom. B'mod partikolari nhar is-7 ta' Mejju, 2002 giet iffirmata skrittura, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument EPI", permezz ta' liema l-konvenut Austin Camilleri bhala venditur intrabat u obbliga ruhu illi jbiegh lill-esponenti Edward Pavia d-disa' mija disgha u disghin (999) sehem illi kellu fil-kumpannija konvenuta G.C. & A. Company Limited versu l-prezz ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000) illum wiehed u hamsin elf mitejn sitta u erbghin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€51,246.21), taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kontenuti f'dik l-iskrittura;

4. Apparti dan l-ammont, l-esponenti Edward Pavia u l-kumpannija E.M.A. Limited, jew min minnhom, hallsu lill-konvenuti Austin Camilleri u l-kumpannija G.C. & A. Company Limited, jew min minnhom, somom ingenti ulterjuri, u dan, fost affarijiet ohra, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala "Dokument EP2";

5. L-esponenti, jew min minnhom, baqghu ihallsu lill-konvenuti, jew min minnhom, pagamenti anke wara t-termini stipulati fil-ftehim u dana bi ftehim bejniethom u bl-intiza illi l-istess ftehim jibqa' fis-sehh;

6. L-esponenti jew min minnhom mhux biss hallsu lill-konvenuti jew min minnhom dawn is-somom ingenti izda nefqu somom kbar ta' flus relatati man-negozju in kwistjoni, fosthom spejjez ta' avukati, periti, permessi, materjali ta' kostruzzjoni u spejjez ohra li ser jirrizultaw ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Minkejja illi l-konvenuti, jew min minnhom, ircevew dawn is-somom kollha u minkejja l-ispejjez kollha illi ghamlu l-esponenti, jew min minnhom, il-ftehim ta' bejn il-kontendenti qatt ma gie attwat u dana, fost affarijiet ohra, minhabba agir tal-konvenut Austin Camilleri, liema agir kien kjarament intiz sabiex jigi stultifikat in-negozju imsemmi aktar 'il fuq. Fil-fatt, l-esponenti jew min minnhom, fil-prattika, twaqqfu milli jdawwru f'isimhom id-disa' mija disgha u disghin (999) sehem tal-kumpannija konvenuta G.C. & A. Company Limited;

8. B'hekk gie illi l-konvenuti, jew min minnhom, ircevew somom kbar ta' flus a skapitu tal-esponenti, jew min minnhom. Apparti minn hekk, l-esponenti, jew min minnhom, gew indotti mill-konvenuti, jew min minnhom, jaghmlu spejjez sostanzjali minghajr ebda beneficcju ghalihom ladarba l-konvenut Austin Camilleri stultifika n-negozju ta' bejniethom u ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez;

9. L-esponenti ghandhom kull interess illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-ftehim ta' bejn il-kontendenti, jew min minnhom, qatt ma gie attwat u qatt ma twettaq fil-prattika konsegwenti ghall-agir tal-konvenuti jew min minnhom u konsegwentament illi l-konvenuti, jew min minnhom, jigu ikkundannati jhallsu lill-esponenti, jew min minnhom, dak l-ammont ta' flus imhallsa lilhom mill-esponenti, jew min minnhom, flimkien mal-ispejjez kollha inkorsi mill-esponenti kif inghad aktar 'il fuq;

10. Ghalhekk kellha issir din il-kawza;

11. Dawn il-fatti I-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, l-esponenti umilment jitolbu illi dina I-Onorabbli Qorti jghogobha tilqa' t-talbiet taghhom u konsegwentament:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi I-ftehim ta' bejn il-kontendenti, jew min minnhom, qatt ma gie attwat u qatt ma twettaq fil-prattika u dana, fost ragunijiet ohra, ghal ragunijiet imputabbli ghall-agir tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi I-esponenti, jew min minnhom, hallsu lill-konvenuti, jew min minnhom, ammont ta' flus akkont tan-negozju ta' bejniethom;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi I-esponenti, jew min minnhom, zborsaw flus u spejjez akkont tan-negozju illi kellhom mal-konvenuti, jew min minnhom;

4. Tillikwida I-ammonti ta' flus imhallsa mill-esponenti, jew min minnhom, lill-konvenuti jew min minnhom;

5. Tillikwida l-ammonti ta' flus zborsati mill-esponenti, jew min minnhom, bhala spejjez in konnessjoni man-negozju in kwistjoni;

6. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-esponenti jew min minnhom, l-ammonti ta' flus imhallsa u l-flus zborsati bhala spejjez likwidati ai termini tat-tieni u t-tielet talba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut Austin Camilleri u r-rapprezentanti, diretturi u azzjonisti tal-kumpannija konvenuta huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li tghid hekk:

Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michudin bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

1. Preliminarjament, it-talbiet tal-atturi huma improbonibbli stante li kwalsiasi talba ghal rifuzjoni ta' flus hija preskritta, partikolarment izda mhux limitatament, ai termini tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-ftehim in kwistjoni qatt ma gie attwat u qatt ma twettaq fil-prattika minhabba l-agir tal-konvenuti;

3. Illi wkoll hekk kif ser jirrizulta ampjament matul il-mori ta' din il-kawza, mhux minnu li l-konvenut jew is-socjeta konvenuta b'xi mod stultifikaw in-negozju ta' bejn il-konvendenti u ghaldaqstant, il-konvenuti ma kienu u ma huma hatja tal-ebda nuqqas fil-konfront tal-atturi u b'hekk, huma kellhom u ghandhom kull dritt illi jzommu l-flus mghoddija lilhom mill-atturi u cioe s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000) ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf, mitejn, sitta u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€51,246.21) proprju ai termini tal-istess skrittura prezentata minnhom mar-rikors guramentat datata 7 ta' Mejju 2002 partikolarment ai termini u b'applikazzjoni tal-paragrafu ittra (i) tal-istess ftehim;

4. Illi wkoll fil-mertu, l-ebda somma ohra pretiza mill-atturi li allegatament giet imhallsa minnhom lill-konvenuti jew ghall-konvenuti jew li allegatament intefqet minnhom bhala spejjez relatati man-negozju in kwistjoni, ma hija dovuta u dan ghal darb'ohra in vista tat-termini tal-istess skrittura datata 7 ta' Mejju 2002 prezentata mill-atturi mar-rikors guramentat taghhom partikolarment ai termini u b'applikazzjoni tal-paragrafu ittra (i) tal-istess ftehim;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent irrezenja mill-kariga tieghu ta' Direttur u Rappresentant Legali tas-socjeta konvenuta fil-21 ta' Dicembru 2011 kif jirrizulta minn Dok. AC1 anness ma' din ir-risposta u ghaldaqstant, anki in vista tal-fatt li l-indirizz tieghu m'huwiex l-indirizz ufficjali tas-socjeta konvenuta, kif jirrizulta minn Dok. AC2 ukoll anness, ir-rikors guramentatat tal-atturi ghandu jigi debitament notifikat lill-istess socjeta konvenuta;

6. Salv eccezzjonijiet ohra

Bl- ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi dwar danni materjali allegatament subiti mill-atturi in segwitu ghal ftehim bejn il-kontendenti personalment ta’ trasferiment ta’ ishma appartenenti lil konvenut fis-socjeta konvenuta lil attur datat 7 ta’ Mejju 2002. L-attur jikkontendi illi nonostante hlas ta’ somom kbar li saru lil konvenuti u spejjez inkorsi, it-trasferiment tal-ishma baqa’ ma sarx minhabba l-agir tal-istess konvenut.

Hu pacifiku bejn il-partijiet li l-qofol ta’ din il-kawza u l-mertu proprju taghha jsib il-fonti tieghu fil-ftehim raggunt bejn il-partijiet proprio fis-7 ta’ Mejju 2002 riportat a fol. 8 tal-process. Hu ghalhekk importanti li jigi precizat x’kien il-ftehim raggunt bejn il-partijiet.

B’dan il-ftehim il-konvenut kien qed ibiegh lil attur 999 sehem minn 1000 sehem li kien fiha s-socjeta konvenuta u dan bi prezz ta’ Lm22,000 liema somma giet dikjarata gia mhallsa. In

oltre l-venditur iddikjara li s-socjeta konvenuta kellha diversi debiti ma' varji entitajiet imsemmija fl-istess ftehim, uhud b'ammont ta' krediti dikjarati fl-istess ftehim. Gie dikjarat ukoll illi s-socjeta konvenuta kellha kirja kummercjali minghand id-dipartiment tal-artijiet li fuqha kien hemm disputa dwar il-quantum tal-kera billi l-Gvern ried izid il-kera. Bhala parti mill-ftehim intqal li gej:

> (h) The vendor is presently signing a share transfer form initiating irrevocably the process of the said share transfer. The said share transfer form duly signed by the vendor shall be held in trust by Doctor of Laws Siegfried Borg Cole until the vendor is released from all personal responsibilities and guarantees with the company for the debts of the company. The purchaser undertakes and binds himself to negotiate with the creditors of the company the release from all responsibility and guarantees that burden the vendor personally today for the company. The purchaser undertakes to settle personally all liabilities that burden the company within one year from today in the event that the vendor is not released. The purchaser shall indemnify the vendor for any dues that the latter may settle in the future for the company.

It-trasferiment finali kellu jsir fi zmien sena darba li l-kumpratur jottempera ruhu ma' din il-kondizzjoni. Fil-fatt fi klawsola (i) intqal li gej:

> (i) The transfer of shares shall be finalized in favor of the purchaser or a person indicated by the purchaser when the vendor is released from all responsibilities or guarantees for the debts of the Company. In the event that the purchaser shall not fulfil this obligation, as better described in the preceding paragraph, within one year from today, Dr Borg Cole shall hand over the share transfer document to the vendor, who shall no longer be bound to transfer the shares in favor of the purchaser. The purchaser shall have no right to compensation from the vendor and the company.

Fl-ahhar tal-ftehim jinghad illi:

> An previous agreements between the parties are hereby cancelled and are null and without any legal effect.

Jirrizulta ampjament mix-xiehda prodotta illi fil-fatt gheluq is-sena li kellu hajja dan il-ftehim (soggett ghal kondizzjoni rizoluttiva) biex il-partijiet jersqu ghal finalizzazzjoni tieghu, l-attur ma rnexxilux ihallas jew jissalda d-debiti kollha tal-kumpanija konvenuta. Fil-fatt jirrizulta car

mill-provi illi almenu zewg krendituri cioe Salvatore Bezzina, kreditur tal-kumpanija u anki d-dipartiment tal-artijiet ma thallsux l-ammonti dovuti lilhom.

Mistoqsi mill-Qorti n-natura tal-azzjoni attrici, id-difensur tal-atturi issottometta illi l-azzjoni ghar-rimbors tal-flejjes sborsati mill-atturi hi bazata fuq l-agir tal-konvenuti li irrendew impossibbli l-attwazzjoni tan-negozju kontemplat mill-partijiet naxxenti mill-ftehim ta' Mejju 2002.

Din ghalhekk hi l-prova li trid issir mill-atturi u din il-prova trid issir ukoll tenut kont l-ewwel eccezzjoni li saret mill-konvenuti biex jilqghu ghall-azzjoni cioe l-preskrizzjoni tat-talba a bazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

L-attur jixhed illi ghalkemm il-ftehim kellu hajja ta' sena biex jigi attwat, fil-fatt il-partijiet estendew bil-kelma dan il-ftehim tant li hu ghamel hlasijiet wara gheluq is-sena. Il-Qorti tissenjala illi skond il-prospett ipprezentat mill-attur l-ahhar hlas allegatament maghmul mill-attur sar fl-24 ta' Gunju 2005 lid-dipartiment tal-artijiet. Jirrizulta wkoll illi xi sena wara l-ftehim saret kambjala favur il-konvenut li skond l-attur kellha tinzamm mill-avukat biex tkun garanzija ghal hlasijiet li kellu jaghmel l-attur biex jehles lil konvenut u s-socjeta konvenuta mid-dejn partikolarment dak favur Bezzina. Din il-kambjala kienet is-suggett ta' proceduri legali li ittiehdu kontra l-konvenut li ipprova jezegwiha fl-2005 wara li ma baqghetx fil-pussess tal-avukat li f'idejh thalliet u wara kawza mill-attur fl-2006 biex iwaqqaf l-ezekuzzjoni tal-kambjala din il-kawza giet deciza favur l-attur b'sentenza tas-26 ta' Novembru 2010.

Sadattant pero relattivament ghat-trasferiment tal-ishma, is-share transfer form keinet gie iffirmata mill-venditur u mizmuma mill-avukat skond paragrafu (h) tal-ftehim tal-2002 u in oltre d-diretturi tas-socjeta konvenuta kienu irrizenjaw u flokhom gie appuntat l-attur u dan skond paragrafu (f) tal-istess ftehim. Qabel ma bdiet is-saga tal-esekuzzjoni tal-kambjala mill-konvenut, l-attur gie interpellat sabiex isir is-share transfer u registrazzjoni tal-bdil ta' direttur kif mifthiem fl-iskrittura tal-2002. Dan jirrizulta minn ittra tal-avukati tal-konvenut a fol. 149 tal-process. L-attur jixhed li hu ipprova jaqleb l-ishma meta fetah il-kawza fuq il-kambjala f'Jannar 2006 izda ma setghax jaghmel dan ghax l-accountant tieghu kien qallu li l-konvenut

fl-14 ta’ Dicembru 2005 b’rizoluzzjoni tal-kumpanija, nehha lil attur minn diretttur tal-kumpanija konvenuta u rega’ gie appuntat il-konvenut u in oltre s-sehem li kien jappartjeni lil avukat fil-kumpanija konvenuta gie trasferit lil konvenut u b’hekk il-kumpanija saret one member company.

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu o meno tal-allegazzjonijiet li saru mill-partijiet izda ser tillimita ruhha ghal dawn il-fatti saljenti li fuqhom ma hemmx disputa.

Hu car illi fl-2006 l-attur kien ben konsapevoli illi l-ftehim tal-2002 ma kienx ser jigi ezegwit. Minghajr ma l-Qorti tidhol fil-mertu tal-responsabilta o meno dwar ir-ragunijiet ghaliex dan il-ftehim waqa’ b’mod car fl-2006 u dan bl-operat tal-konvenut anki jekk ghal grazzja tal-argument jinghad li l-ftehim tal-2002 iggedded bil-kelma tenut kont tal-kambjala tal-2003 u l-istess konvenut jammetti li l-ftehim iggedded b’sena bil-kelma fuq parir tal-avukat u fil-fatt saret il-kambjala, u l-hlasijiet li saru mill-attur sal-2005 skond il-ftehim tal-2002, jibqa’ indubitat illi l-attur li jorbot in-nuqqas ta’ finalizazzjoni ma’ fatt imputabbli lil konvenut, kien kompjut fl-2006 cioe meta sar jaf bil-bdil fl-ishma tal-kumpanija konvenuta u t-tnehhija tieghu min direttur. Dan ma seta’ halla ebda dubbju f’mohh l-attur illi l-konvenut ma kienx ser izomm aktar mal-ftehim anke jekk ghal grazzja tal-argument biss jinghad li l-ftehim li kellu hajja ta’ sena baqa’ jiggedded sa dak iz-zmien.

Kull azzjoni li seta’ jiehu l-attur biex jipprotegi d-dritt tieghu ghal rimbors tal-ispejjez li ghamel u hlasijiet li seta effettwa anki jekk ma jittiehed ebda kont tal-klawsola (i) tal-ftehim tal-2002 insorga bhala fatt fl-2006 u kien f’din id-data li l-attur seta’ jiehu kull azzjoni biex jippreserva d-drittijiet tieghu. Jirrizulta li ebda azzjoni ma ittiehdet mill-attur hlief bil-prezentazzjoni ta’ din il-kawza fid-9 ta’ Marzu 2012.

Il-konvenuti qed jilqghu bil-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) li jghid li kull azzjoni ghal hlas ta’ kreditu minn negozju kummercjali hu preskritt f’terminu ta’ hames snin sakemm il-ligi ma tippreskivix preskrizzjoni iqsar. It-talba attrici hi precizament ghal hlas lura ta’ kull ammont sborsat mill-atturi in konnessjoni man-negozju bejn il-kontendenti liema hlas lura jikkostitwixxi debitu favur l-atturi ghax in-negozju ma giex attwat htija tal-konvenuti.

Fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 il-kelma 'kreditur' imsemmija fil-paragrafu (f) tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra ta' jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohra tal-istess artikolu. Ic-cirkostanzi kollha mahsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet jew krediti ghal hlas ta' flus mhux obbligazzjonijiet di fare (ara **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Co. Limited**, PA 12/10/2004 u **Francis Paris vs Maltacom PLC**, PA 07/10/2004). Din hi s-sustanza tat-talba attrici, naxxenti minn agir tal-allegat debitur li xejjen fnalizzar ta' negozju bejn il-partijiet. Ara wkoll f'dan is-sens **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe vs Alfred Pisani** (App Inf 13/07/2010).

Ma jistax jinghad illi l-preskrizzjoni giet miksura ai termini tal-artikolu 2133 billi l-allegat debitur mill-2006 il-quddiem qatt ma irrikonoxxa li ghandu debitu fil-konfront tal-atturi, anzi jinsisti illi l-ftehim tal-2002 kien jistabilixxi illi jekk l-attur ma jottemperax ruhu mal-ftehim jitlef kull jedd ghal kumpens li jinkludi kull somma sborsata u illi l-istess konvenuti zammew mill-patt u obbligi minnhom assunti. Tali sottomissjoni mhix inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi l-konvenuti qed isostnu li ebda ammont ma hu dovut. Rikonoxximent ta' debitu jrid ikun car u esplicitu u ippruvata b'mod konkredenti. Jekk ir-rikonoxximent hu lecitu irid jirrizulta minn fatt evidenti li turi intenzjoni cara ta' rinunzja u li ma tipprestax ruhha ghal interpretazzjoni ohra (ara sentenzi **Vol. XXV PII P184** u **Vol. XVI P90**).

Id-dritt tal-azzjoni jibda minn dik il-gurnata li l-azzjoni tista' tigi ezercitata (artikolu 2137). Dan id-dritt fl-ahjar ipotesi ghal atturi twieled fil-bidu tal-2006 meta skond hu l-agir tal-konvenuti fil-bdil fl-istruttura tal-kumpanija li irrenda t-trasferiment tal-ishma lil atturi impossibbli u t-tnehhija tieghu minn direttur gabu fix-xejn il-ftehim li sar fl-2002. In oltre l-uzu tal-kambjala mill-konvenut ukoll mar kontra dak pattwit fil-fehma tal-attur. Billi l-kawza tressqet quddiem il-Qorti fl-2012 minghajr ebda att gudizjarju interruttiv (art. 2128 Kap. 16) jew ebda azzjoni tal-allegat debitur li tikkomporta rinunzja ghal eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-talba attrici kif impostata hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Ma hu ta' ebda suffragju ghal atturi li jorbtu xi dritt mal-kawza dwar il-kambjala billi din il-kambjala u l-effetti taghha ma jbiddlu xejn mid-dritt li kellhom l-atturi li jezercitaw id-dritt taghhom ghal agir allegat tal-konvenuti li jaghmluha impossibli ghal atturi li n-negozju miftiehem bl-iskrittura tal-2002 jigi finalizzat bit-trasferiment tal-ishma.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenuti u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------